MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2013

Numru. 1157/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**ALEXIA CROSS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Alexia Cross, bint James u Josephine nee' Mangion, mwielda San Giljan nhar l-14 ta' Gunju 1979, residenti gewwa Pearl Flat 2, Triq Maghsar, Burmarrad u detentrici tal-karta ta' identita bin-numru 316279M

Giet akkuzata talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

1. Bejn id-9 ta' Lulju u it-30 ta' Settembru, gewwa Zabbar, Mriehel, San Pawl il-Bahar, Birkirkara, Lija, Mellieha, Wied il-Ghajn, Birzebbugia, Naxxar, Attard u gewwa dawn il-gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex gieghelet titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' ta' xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' 3287.54 Euros (tlett elef mitejn sebgha u tmenin Ewro u erbgha u hamsin Ewro centezmu) ghad-dannu ta' Ronald Zammit detentur tal-karta ta'identita 454669M, Anthony Zammit detentur tal-karta tal-identita 314741M, Josephine Curmi detentrici tal-karta tal-identita 70068M, Lorenzo Brincat detentur tal-karta tal-identita bin-numru 295959M, Melita Cable plc, Quick Step Limited, Vascas Jewellers, Gaba Goielli, Luciano Meat Market, Sparkle Image Discount Store, CMA limited, Connies Fish Shop, Maritim Antonine and SPA Hotel, Big Apple Stationery, Falzon Service Station, Travellers Lodge Restaurant, Pit Stop Complex, GS Superstore, SMS Travel u/jew APS Bank, Bank of Valletta u/jew persuni ohra u aktar talli;

2. fl-istess data, hin, lok, u cirkustanzi iffalsifikat cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' ogetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli;

3. fl-istess data, hin, lok, u cirkustanzi, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijuet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet,

obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u aktar talli;

4. fl-istess data, hin, lok, u cirkustanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u aktar talli;

5. fis-26 ta' Awwissu 2008, minn gewwa The Mirage Hotel li jinsab Triq John Borg, Msida, ikkommettiet serq ta' cheque book, proprjeta ta' Anthony Zammit liema serq huwa aggravat bil-persuna u aktar talli;

6. bejn id-9 ta' Lulju u is-17 ta' Lulju 2008, minn gewwa Carsons Court Triq San Pawl il-Bahar, San Pawl il-Bahar, ikkommettiet serq ta' cheque, proprjeta ta' Katarzyna Lewandowska u aktar talli;

7. fl-istess dati, hinijiet, u cirkustanzi kisret il-provedimenti ta' zewg sentenzi sospizi u ta' zewg probation orders moghtija fil-konfront taghha, b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A. Vella LL.D, datata 12 ta' April 2007, Magistrat Dr. L. Quintano LL.D, datata 31 ta' Ottubru 2007, Magistrat Dr. A. Demicoli LL. D, datata 9 ta' Dicembru 2007, Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D, datata 12 ta' Novembru 2007 liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

8. fl-istess dati, hinijiet u cirkustanzi rrendiet ruhha bhala ricediva skond sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D, datata 6 ta' Dicembru 2007

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periiti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap

9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali datati 28 ta’ Gunju, 2011 u li jinsabu a fol. 156 tal-Process.

Innutat li fis-Seduta tallum l-Ufficjali Prosekuturi ddikjaraw li nkwantu ghas-seba’ (7.) akkuza migjuba kontra l-imputata il-Provvedimenti taz-zewg Sentenzi sospizi u taz-zewg Probation Orders moghtija fil-konfront tal-imputata odjerna diga’ inghataw Provvediment iehor f’Sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta’ Lulju, 2013 per Imhallef Dr Lawrence Quintano fl-ismijiet ‘Il-Pulizija (Spt. Angelo Gafa’) vs Alexia Cross’ u ghaldaqstant talbu li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba’ (7.) akkuza migjuba kontra l-imputata.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputata ddikjarat li hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha salv is-seba’ (7) akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha salv is-seba’ (7.) akkuza migjuba kontra taghha.

Rat l-artikoli 308, 309, 310(1)(a), 167, 183, 184, 261(e), 268 u 281(a), 284, 285, 17, 18, 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Alexia Cross, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha salv is-seba’ (7.) akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imputata Alexia Cross ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija.

Rigward is-seba’ (7.) akkuza migjuba kontra l-imsemmija imputata Alexia Cross, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjali Prosekuturi rigward din is-seba’ (7.) akkuza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija seba’ (7.) akkuza migjuba kontra l-imsemmija imputata Alexia Cross.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------